

**Brussell, 29 ta' Novembru 2024
(OR. en)**

16181/24

**RECH 521
AGRI 835
COMPET 1159
COWEB 191**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	29 ta' Novembru 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 15304/24 + COR 1	
Suġġett:	Inizjattiva potenzjali tar-riċerka u l-innovazzjonimal-Ewropa kollha dwar l-avvanz tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, is-sigurtà tas-sistemi tal-ikel u l-implimentazzjoni tal-bijoekonomija, filwaqt li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant - Konklużjonijiet tal-Kunsill (29 ta' Novembru 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar *Inizjattiva potenzjali tar-riċerka u l-innovazzjoni mal-Ewropa kollha dwar l-avvanz tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, is-sigurtà tas-sistemi tal-ikel u l-implimentazzjoni tal-bijoekonomija, filwaqt li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant*, approvati mill-Kunsill fl-4063 laqgħa tiegħu li saret fid-29 ta' Novembru 2024.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR INIZJATTIVA POTENZJALI TAR-
RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI MAL-EWROPA KOLLHA DWAR L-AVVANZ TAL-
ĠESTJONI SOSTENIBBLI TAR-RIŻORSI NATURALI, IS-SIGURTÀ TAS-SISTEMI
TAL-IKEL U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BIJOEKONOMIJA, FILWAQT LI JIĠI
SFRUTTAT IL-POTENZJAL TAL-EWROPA ĊENTRALI U TAL-LVANT**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ġunju 2022¹, li jirrikonoxxu l-perspettiva Ewropea tal-Ukrajna, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Georgia, filwaqt li jesprimu l-impenn sħiħ u inekwivoku tal-Kunsill Ewropew għall-perspettiva ta' sħubija mal-UE tal-Balkani tal-Punent;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-26 u s-27 ta' Ottubru 2023² dwar il-kompetittività tal-UE, li jenfasizzaw li l-UE teħtieġ bażi ekonomika b'saħħitha li tiżgura l-kompetittività fit-tul tagħha u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni kemm internament kif ukoll fil-livell dinji;
- fil-konklużjonijiet tad-29 ta' Novembru 2019³ rigward l-Istrateġija aġġornata dwar il-Bioekonomija "Bioekonomija sostenibbli għall-Ewropa: tisħiħ tal-konnessjoni bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent", li jirrikonoxxu r-rwol tal-BIOEAST fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bioekonomija;
- fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2021⁴ dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa b'rabta mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "ŻER Ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni";

¹ EUCO 24/22.

² EUCO 14/23.

³ 14594/19.

⁴ 13701/21.

- fil-konklużjonijiet tiegħu tal-25 ta' April 2023⁵ dwar l-opportunitajiet tal-bijoeconomija fid-dawl tal-isfidi attwali b'enfasi speċjali fuq iż-żoni rurali, li jħeġġu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni taħt il-BIOEAST;
- fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Mejju 2024⁶ dwar industrija Ewropea kompetittiva li tixpruna l-futur ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tagħna, li jħeġġu lill-Kummissjoni tirrikonoxxi l-bijoteknoloġija u l-ekonomija b'bażi bijoloġika bħala parti elementari tal-politika industrijali tal-UE u tiżgura l-koordinazzjoni sabiex tissaħħaħ il-koerenza tal-politiki;
- fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni u d-dokumenti ta' akkumpanjament dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"⁷; "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva"⁸; "Rapport tal-2023 dwar il-Progress tal-Azzjoni Klimatika fl-UE"⁹; "Niżguraw il-futur tagħna: Il-mira klimatika Ewropea għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050 aħna u nibnu soċjetà sostenibbli, prospera u ġusta"¹⁰; u "Nibnu l-futur bin-natura: it-Tisħiħ tal-Bijoteknoloġija u l-Bijomanifattura fl-UE"¹¹, li jenfasizzaw l-importanza tal-bijoeconomija fl-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-kompetittività Ewropea,

⁵ 8406/23.
⁶ 10127/24.
⁷ COM(2019) 640 final.
⁸ COM(2020) 98 final.
⁹ COM(2023) 653 final.
¹⁰ COM(2024) 63 final.
¹¹ COM(2024) 137 final.

1. JIRRIKONOXXI li l-kisba tal-miri fuq terminu medju u twil tal-Patt Ekoloġiku Ewropew għall-2030 u l-2050 tiddependi wkoll mill-produzzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijomassa, inkluż il-bijoskart. JENFASIZZA li l-bioekonomija sostenibbli u ċirkolari tista' tgħin kemm biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew kif ukoll biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-Ewropa. JILQA' l-informazzjoni dwar l-aġġornament previst tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bioekonomija sa tmiem l-2025, li għandu jkoll isfidi soċjetali, demografiċi, ekonomiċi u ambjentali attwali, id-dimensjoni industrijali tal-bioekonomija u r-rabtiet tagħha mal-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura biex jingħata kontribut għal ekonomija tal-UE aktar b'saħħha. Fl-istess ħin, għandu jittqies ukoll il-prinċipju ta' prekawżjoni u jiġu prijoritizzati l-interessi tal-konsumaturi. JIEĦU NOTA tal-komplessità dejjem akbar tal-isfidi, indirizzati permezz tal-istrateġiji msemmija hawn fuq, li jestendu lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri u li jistgħu jibbenefikaw minn kollaborazzjoni tranżnazzjonali u sa' ma' pajjiżi terzi li jikkondividu l-valuri u l-prinċipji tal-UE.
2. JIRRIKONOXXI d-dibattiti li għaddejjin dwar is-sostenibbiltà u l-kompetittività, b'mod partikolari fir-rigward tar-riżorsi naturali li huma indispensabbli iżda vulnerabbli bħall-ħamrija, l-ilma ħelu, u s-servizzi tal-ekosistema, kif ukoll l-importanza kritika tas-sigurtà tas-sistemi tal-ikel Ewropej u l-potenzjal tal-innovazzjoni u s-soluzzjonijiet b'bażi bijoloġika u l-bijomanifattura bħala xprunaturi tal-iżvilupp soċjoekonomiku u sostenibbli fl-Ewropa.
3. JISSOTTOLINJA l-ħidma li saret f'dan ir-rigward fis-Sħubijiet Ewropej li għaddejjin bħalissa, inkluż iżda mhux limitat għal daww fir-Raggruppament 6, tal-Programm Orizzont Ewropa, bħall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika (CBE JU), li stabbiliet strateġija ta' twessigħ u pjan ta' azzjoni, bl-għan li jiġu mobilizzati partijiet ikkonċernati u benefiċjarji sottorappreżentati, kif ukoll l-eżempju pożittiv tas-Sħubija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) bħala strument għal kooperazzjoni msaħħa mal-pajjiżi ġirien tal-UE. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' sinerġiji bejn il-missjonijiet u l-komplementarjetajiet magħhom, b'mod partikolari l-Missjonijiet tal-UE "Nirrestawraw l-Oċeani u l-Ilmijiet Tagħna" u "Patt dwar il-ħamrija għall-Ewropa".

4. JINNOTA li x-xejriet tat-Tabella ta' Valutazzjoni Ewropea tal-Innovazzjoni jindikaw li l-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant huma prinċipalment fost l-innovaturi emerġenti u moderati u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi qafas għadha moderata. JENFASIZZA l-ħtieġa li jżiedu l-investimenti fil-livell nazzjonali u li tittieħed azzjoni ulterjuri sabiex titwessa' l-parteċipazzjoni, jiġu appoġġati l-iskambju u l-valorizzazzjoni ta' xjenza eċċellenti u innovazzjonijiet b'bażi bijoloġika fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER).
5. JINNOTA l-ħtieġa li jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli tal-ktajjen tal-provvista u l-mudelli kummerċjali inkluż għal prodotti ta' valur oġġali u l-ipproċessar lokali tal-bijorizzorsi fl-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant billi l-partijiet ikkonċernati jiġu involuti, b'mod inklużiv u b'approċċ minn isfel għal fuq, fir-riċerka, l-innovazzjoni, u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet sostenibbli b'bażi bijoloġika biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn futur ċirkolari u sostenibbli.
6. JINNOTA r-rwol tal-BIOEAST fl-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u ġusta Ewropea u l-progress li għamlet f'dawn l-aħħar snin, bħala pjattaforma b'mekkaniżmu ta' koordinazzjoni, struttura u rizzorsi stabbiliti, fl-identifikazzjoni tal-prijoritajiet strateġiċi komuni tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) fl-oqsma tal-agroekoloġija, ir-reżiljenza tal-ilma ħelu, is-sigurtà tas-sistemi tal-ikel, u l-bijoekonomija ċirkolari u sostenibbli. JISSOTTOLINJA l-potenzjal tal-allinjament tal-politiki u r-regolamenti relatati mal-bijoekonomija fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-investment, ir-riċerka, l-innovazzjoni, u l-iżvilupp sostenibbli fis-settur.
7. JIEĦU NOTA tal-impenn tal-Ministri responsabbli għall-Agrikoltura u r-Riċerka tal-ħdax-il Stat Membru li jipparteċipaw fil-BIOEAST kif espress fid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-2019¹², li tiddekrivi t-trajettorja futura tal-BIOEAST, kif ukoll l-impenn imtenni fil-forma tad-Dikjarazzjoni ffirmata f'Lulju 2024 mill-Ministri responsabbli għall-Agrikoltura u r-Riċerka ta' għaxar Stati Membri biex tiġi żviluppata sħubija għall-indirizzar tal-interkonnessjonijiet bejn ir-rizzorsi naturali sostenibbli, is-sistemi tal-ikel, u l-implimentazzjoni tal-bijoekonomija fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant.

¹² 9235/19.

8. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li tingħata spinta lill-kooperazzjoni miftuħa u inklużiva fil-bijoeconomija b'rabta mar-R&I fost l-Istati Membri kollha tal-UE, filwaqt li titrawwem kooperazzjoni miftuħa mal-Balkani tal-Punent u l-pajjiżi kandidati. JIEĦU NOTA tal-proposta tad-dikjarazzjoni tal-BIOEAST iffirmata minn għaxar Stati Membri biex tiġi stabbilita inizjattiva potenzjali tar-R&I fl-Ewropa kollha dwar il-karbonju, l-ilma, in-nutrizzjoni, u ċ-ċikli tal-enerġija, fil-kuntest tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, is-sigurtà tas-sistemi tal-ikel u l-implimentazzjoni tal-bijoeconomija, filwaqt li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, il-Balkani tal-Punent u l-pajjiżi kandidati, billi dan jista' jindirizza l-ħtiġijiet lokali permezz tal-adozzjoni u l-adattament ta' riżultati eċċellenti tar-riċerka u soluzzjonijiet innovattivi. Il-firmatarji tal-BIOEAST huma favur li inizjattiva potenzjali bħal din tista' tkompli żżid il-kompetittività Ewropea fil-qasam tal-bijoeconomija, inkluż il-bijomanifattura u l-bijoteknoloġija, filwaqt li tikkontribwixxi għall-protezzjoni u l-użu effiċjenti tar-riżorsi naturali, u taċċessa fondi privati u pubbliċi biex tagħti spinta lil soluzzjonijiet innovattivi b'bażi bijoloġika.
9. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa għal diskussjoni aktar fil-fond mal-Istati Membri kollha u l-Kummissjoni Ewropea dwar ir-rwol tar-R&I fl-isfruttar tal-potenzjal tal-bijoeconomija tal-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, il-Balkani tal-Punent u l-pajjiżi kandidati fil-kuntest tal-awtonomija strateġika Ewropea. Inizjattiva potenzjali ġdida tar-R&I tista' tgħin fit-twassil ta' għarfien u għarfien prattiku ewlieni, fit-tisħiħ tad-diplomazija xjentifika permezz tal-promozzjoni u l-protezzjoni tal-valuri Ewropej, bħall-etika tar-riċerka, l-integrità, u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll fit-trawwim tar-relazzjonijiet, l-istabbiltà, il-prosperità, u t-tranżizzjoni sostenibbli għall-Balkani tal-Punent u l-pajjiżi kandidati u fl-indirizzar tal-eżodu ta' mħuħ. Użu aħjar tas-sinerġiji u parteċipazzjoni akbar għandhom iġibu valur miżjud għall-ekosistema Ewropea tar-R&I, jikkontribwixxu għas-sigurtà tas-sistemi tal-ikel tal-UE billi jagħtu attenzjoni speċjali lis-sikurezza, l-awtentiċità u l-kwalità tal-prodotti tal-ikel u l-valorizzazzjoni tal-iskart, kif ukoll jgħinu biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-bijomassa li mhijiex utilizzata biżżejjed fl-UE, u fil-Balkani tal-Punent u l-pajjiżi kandidati, b'effetti konsegwenzjali pożittivi fis-suq uniku kollu, u jżidu l-kompetittività Ewropea.

10. JISSOTTOLINJA l-valur miżjud tal-inizjattivi tranżnazzjonali tar-R&I fit-twassil ta' soluzzjonijiet ġodda għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, is-saħħa u l-isfidi soċjetali, u JIDENTIFIKA l-ħtieġa urġenti għal proġetti ta' disinn sostenibbli u ta' kwalità għolja li jiġu implimentati f'konformità ma' livell għoli ta' trasparenza u standards. Tali inizjattiva għda potenzjali fl-Ewropa kollha tista' twassal għal aktar kooperazzjoni strateġika u għandha tiddefinixxi objettivi ċari biex tiġi evitata d-duplikazzjoni bejn l-attivitajiet eżistenti u dawk ġodda tar-R&I fil-livell tal-UE u dak nazzjonali biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-finanzjament, u tiġi żgurata aktar reżiljenza fil-konfront tal-kriżijiet.
11. Għalhekk, JISTIENEN lill-Kummissjoni, b'rispett sħiħ għad-dritt ta' inizjattiva tagħha, twettaq analiżi tal-lakuni f'konformità mal-proċeduri applikabbli biex tivvaluta f'konsultazzjoni mal-esperti, il-ħtieġa, il-fattibbiltà, u l-impatt tat-tnedija ta' inizjattiva potenzjali għda tar-R&I fl-Ewropa kollha, filwaqt li tqis l-opzjonijiet kollha possibbli, dwar il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, is-sigurtà tas-sistemi tal-ikel u l-implimentazzjoni tal-bijoekonomija, u filwaqt li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, il-Balkani tal-Punent u l-pajjiżi kandidati. Soġġett għall-eżitu ta' tali analiżi, it-tnejn ta' pjan direzzjonali strateġiku tista' tiġi kkunsidrata, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, biex jiġi żgurat li r-riżorsi naturali tal-Istati Membri, issupplimentati mill-Balkani tal-Punent u l-pajjiżi kandidati, ikunu jistgħu jiġu ripożizzjonati u valorizzati abbażi tax-xjenza l-aktar eċċellenti u t-teknoloġija l-aktar innovattiva li huma disponibbli u mixtieqa fl-UE kollha.
-